

31999L0048

L 169/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

5.7.1999

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/48/KE****tal-21 ta' Meju 1999****li taddatta għat-tieni darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*L-Artikolu 1*

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija <sup>(1)</sup>, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/87/KE <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 8 tagħha,

L-Anness tad-Direttiva 96/49/KE <sup>(4)</sup> huwa emendat kif ġej:

(1) Billi l-Anness tad-Direttiva 96/49/KE fih il-RID kif huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 1997, li sadanittant kien ġie ppublikat fil-lingwi kollha <sup>(3)</sup>;

– Dan it-test li ġej <sup>(5)</sup>:

“L-Anness jikkonsisti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti li jirrigwardaw it-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija (RID), li jidhru bħala l-Anness I ta' l-Appendiċi B għal Cotif, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 1997, bil-ftehim li l-Parti Kontraenti' u l-Istati jew il-linji tal-ferroviji' jġu mibdula bl-Istati Membri'.

(2) Billi r-RID jiġi aġġornat kull sentejn u għalhekk verżjoni emendata ilha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1999 b'perijodu transitorju sat-30 ta' Ġunju 1999;

N.B. Verżjonijiet tar-RID fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità għandhom jġu ppublikati malli t-test ikun lest fil-lingwi kollha.”

(3) Billi skond l-Artikolu 8, il-modifiki kollha għal sabiex isir addattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam kopert mid-Direttiva u li għandu l-mira li jallinjaha mar-regoli l-ġodda li kienu ġew adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9;

– L-Anness huwa modifikat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

(4) Billi huwa meħtieġ li jiġi addattat is-settur għar-regoli l-ġodda RID u għalhekk li jiġi emendat l-Anness tad-Direttiva 96/49/KE;

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1999. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

(5) Billi l-miżuri stabbiliti fid-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 9 tad-Direttiva 96/49/KE;

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jġu stabbiliti mill-Istati Membri.

(6) Billi r-Regolamenti li jirrigwardaw it-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, magħrufa bħala RID, kif emendati, għandhom jġu mhemuża mad-Direttiva 96/49/KE bħala l-Anness u għandhom ikunu applikabbli mhux biss għat-trasport minn fuq il-fruntieri, imma wkoll għal trasport fl-Istati Membri individwali,

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p. 43.

<sup>(3)</sup> ĠU L 294, tal-31.10.1998, p. 1.

<sup>(4)</sup> Ippublikat fil-ĠU L 294, tal-31.10.1998, p. 1.

<sup>(5)</sup> It-test li jidher fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/87/KE.

*L-Artikolu 3*

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Mejju 1999.

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

*Għall-Kummissjoni*

Neil KINNOCK

*Membri tal-Kummissjoni*

---

*L-ANNEX (rekwiżiti ġenerali)*

Ara: id-Direttiva tal-Kimmissjoni 2003/29/KE tas-7 ta' April 2003 ĠU L 90, 08/04/2003 p. 47.

---